**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Emanuel Grech**

**Kumpilazzjoni Numru: 320/2020**

**Illum, sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza migjuba kontra **Emanuel Grech** detentur tal-karta tal-identita' 58968M akkuzat talli nhar it-08 ta' Ottubru 2019 bejn il-hamsa ta' waranofsinhar u t-tmienja

ta' filghaxija (17:00Hrs – 20:00Hrs) fuq ix-Xarabank bir-rotta numru 62, ipparkjata fil-venda tal-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. **Ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens ta' -Omissis- mwieled nhar -Omissis- u li huwa minuri, liema att, fih innifsu, ma jikkostitwix wiehed mid-delitti kkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-Artikoli 198-206 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u liema reat sar b'abbuz tal-awtorita' tieghu fuq il-parti offiza bi ksur tal-Artikoli 207 u 202(a)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-vittma -Omissis- u tal-familjari taghhom.**

**Il-Qorti giet ukoll mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurtà ta' -Omissis- jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-skop ta' protezzjoni tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza**

**u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jekk ikun il-kaz skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed (1) ta' Lulju, 2021 fejn fiha elenka l-Artikoli li tahthom qed tintalab li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-Artikoli 207, 202(a)(g) u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli lill-imputat fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Dicembru 2021, huwa ma kellux

oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew bi procedura sommarja.

## IKKUNSIDRAT

Illi dawn il-proceduri jduru madwar zewg verzjonijiet kunfliggenti tal-imputat, li minn dejjem innega dan il-fatt li mess il-parti privata tal-parte civile u ta verzjoni ta' ezattament x'gara fl-istqarrija tieghu, u dik tal-minuri -Omissis- li qed jghid illi l-imputat messlu l-parti privata tieghu meta huma kienu jitkellmu fix-xarabank tal-istess imputat fil-venda tal-Belt Valletta.

Illi fix-xhieda tieghu bis-sistema awdjo-viziva il-minuri -Omissis- ta' hmistax (15)-il sena stqarr illi huwa qabad xarabank minn Blata l-Bajda li dan ix-xarabank kien misjuq mill-imputat li ma zammlux flus. Meta rega' qabad xarabank biex jerga' jmur id-dar, dan kien l-istess xarabank tal-imputat li jghid li ma regax zammlu flus. Dawn bdew jitkellmu u xhin kienu ser jaslu l-Furjana dan jghid illi l-imputat offrielu li jmur mieghu l-Belt jiehdu kafè u dan ma qallux le. Xhin waslu l-Belt dan jghid illi xtraw kafè u mbaghad marru gox-xarabank tal-imputat ghax kienet bdiet tqattar ix-xita fejn dan jghid illi beda jistaqsih jekk qattx kien mar ma' xi hadd u pproponielu sabiex

jaghlqu tal-linja u jmorru fuq wara halli jorilu x'ghandu u m'ghandux u sahansitra qabadlu l-parti tieghu u qallu jekk din kinitx kbira. Jghid illi meta l-imputat mar jaghlaq il-bieba ta' quddiem ix-xhud hareg minn wara mbaghad hareg jigri l-imputat u qallu li kien qed jiccajta.

**<u>L-Ispettur Stephen Gulia</u>** li dak iz-zmien tal-incident kien surgent fil-Belt fejn ha r-rapport ta' omm -Omissis- fejn din stqarret li binha kien mar jghidilha li dan ix-xufier tal-linja kien offrielu li jmorru jiehdu kafè mbaghad l-imputat offrielu li jmorru fix-xarabank ghax kien hemm wifi u sabiex setghu jpejpu sigarett bil-kwiet. Irrapurtat ukoll illi -Omissis- accetta li jidhlu gewwa u li qaghdu bilqieghda quddiem fuq il-bank tal-persuni b'dizabilità. Dak il-hin l-imputat qal lil -Omissis- li kien ser jaghlaq il-bieba ta' quddiem biex in-nies ma joqghodux idejquhom u hemmhekk beda jsaqsih fuq it-tfajla tieghu u jekk qatt kellu x'jaqsam sesswalment maghha. Tghid illi -Omissis- hassu skomdu u hemmhekk qallu biex jiehdu ritratt sabiex jibghatu lit-tfajla tieghu u kien wara hemm li l-imputat qabad il-parti privata ta' -Omissis- u ghalkemm dan qallu biex jieqaf dan xorta wahda baqa' jaghfas. Tghid ukoll illi wara dan l-imputat qallu li kien ser jaghlaq il-bieba tan-nofs u minn hemmhekk -Omissis- hareg jigri

mill-entratura ta' wara u l-imputat hareg jigri warajh u qallu li kien qed jiccajta.

Rat ir-rapport tal-espert tal-informatika nominat minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru 2020 **<u>Dr. Steven Farrugia Sacco</u>** fejn esebixxa serje ta' ritratti mehuda minn CD esebit in atti li juru l-intern tax-xarabank tal-imputat fejn juri l-punt meta tela' -Omissis- u ghal xi raguni baqa' bilwieqfa hdejn l-imputat li dak il-hin kien qed isuq dan ix-xarabank u ritratti ohra li juru lil -Omissis- gewwa x-xarabank u ohrajn juru l-imputat b'sigarett f'idu fuq quddiem tax-xarabank fil-control panel.

Semghet lil omm -Omissis- u cioè **<u>-Omissis-</u>** li tghid li darba minnhom wara li binha kien mar bix-xarabank jiltaqa' mat-tfajla tieghu li kienet mistiedna fuq programm tat-televizjoni Hal Qormi, mar jghidilha li x-xufier tax-xarabank beda jaghmillu domandi doppju sens u staqsieh ukoll jekk kienx ghamel sess mat-tfajla tieghu wara li dawn dahlu gox-xarabank ghax kienet bdiet tqattar ix-xita. Kien qalilha wkoll li dan kien pprova jmisslu l-parti tieghu izda dan imbaghad harab 'il barra mix-xarabank. Tghid illi qabel ma hareg mix-xarabank -Omissis- kien ha ritratt mal-imputat u baghtu lit-tfajla tieghu.

Finalment xehed l-imputat **Emanuel Grech** fejn dan jghid illi jiftakar li kien tela' -Omissis- li dan beda jkellmu u staqsieh fejn kien isir il-programm "Hadd Ghalik" ghaliex ried imur hemm. L-imputat qallu li kien jaf u kien biss tliet (3) waqfiet wara u ghalhekk wara li -Omissis- hallsu b'nota ta' ghaxar ewro l-imputat staqsieh jekk kellux izghar ghaliex ma kellux bqija u meta -Omissis- qallu li ma kellux dan ma zammlux flus ghax kien kwazi wasal u dan baqa' hdejh bil-wieqfa sakemm wasal fejn ried imur. Jghid illi dan il-guvni beda jghidlu kemm kien ragel sew u li ried jiehu selfie mieghu izda l-imputat qallu biex ma jiehux selfie meta hu kien qed isuq. Jghid illi meta kien qed jaghmel ir-rotta lura ezatt wara rega' tela' dan il-guvni izda jghid illi ma telax max-xarabank ta' qablu li kienet sejra lejn il-Belt ukoll izda ghal xi raguni ghazel li jitla' mieghu u baqa' diehel gox-xarabank 'il gewwa. Wara ftit jghid li dan il-guvni avvicinah u staqsih jekk kienx ghal Belt u qallu biex joffrilu kafè ghaliex ma kienx zammlu flus u rega' mar f'postu sakemm waslu l-Belt. Jghid illi meta waqaf bix-xarabank il-venda tal-Belt dan wara xi hames minuti d-dawl tax-xarabank jintefa' u qaghdu gewwa dan ix-xarabank jixorbu kafè u jpejpu sigarett u -Omissis- beda jilghab bil-mobajl waqt li kienu bilqieghda fuq il-bank tal-persuni b'dizabilità. Jghid illi -Omissis- beda jkellmu fuq il-genituri tieghu li kienu sseparati u qallu li kien jixtieq

jimmudella u beda jurih ritratti x'kien jaghmel l-iskola u mbaghad -Omissis- staqsih jekk jistghux jiehdu *selfie* u l-imputat qallu iva. -Omissis- beda jurih ritratti ta' ommu u tat-tfajla tieghu u beda jghidlu x'joqghod jaghmel maghha. Sadanittant kien b'minkbu fuq il-koxxa tal-imputat u l-imputat jghid illi f'dak il-waqt hassu daqsxejn stramb u qallu li fil-kaz ahjar johrog ghaliex xorta ma kienx ser imur id-dar mieghu. Jghid illi l-bieba ta' wara kienet dejjem miftuha u meta mar ihawwad fl-*iswitches* u dar lura ma rahx aktar fix-xarabank lil -Omissis- u hareg barra jiccekkja x'sar minnu.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi l-imputat Emanuel Grech huwa akkuzat talli kkommetta atti ta' natura sesswali fuq il-persuna ta' -Omissis- li kien minuri u dan taht l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

> *"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin:*

*Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad."*

Illi kif digà nghad qabel dan il-kaz idur fuq il-verzjonijiet tal-imputat u dik tal-minuri -Omissis- li kienu pjuttost divergenti. Izda dak li jispikka hu li l-verzjoni tal-imputat kienet dejjem konsistenti bil-verzjoni tieghu quddiem din il-Qorti bil-gurament kienet wahda dettaljata ghall-ahhar izda dik ta' -Omissis- ma kinitx daqshekk dettaljata tant li d-diversi verzjonijiet li ta qabel il-proceduri u waqt il-proceduri ma kinux jaqblu f'diversi partikolaritajiet taghhom.

Illi di piu' anke l-komportament tal-istess -Omissis- minn meta tela' l-ewwel darba fuq ix-xarabank tal-imputat ma kienx wiehed normali u din il-Qorti tistaqsi ghaliex baqa' hdejn l-imputat tul it-tragitt kollu sakemm wasal Hal Qormi, ghaliex rega' tela' fuq l-istess xarabank tal-imputat anke meta kien gej lura? Ghaliex accetta li jmur jiehu kafè mal-imputat anke jekk il-verzjoni tieghu hija wahda veritjiera u accetta li jidhol fix-xarabank meta kienu qeghdin jixorbu dan il-kafè?

Izda din il-Qorti aktar temmen il-verzjoni tal-imputat li l-minuri qabad parlata mieghu u kien l-istess minuri li ried imur jiehu kafè mieghu. Dan jikkombacja mal-fatt illi l-imputat kien jaf li l-genituri tal-istess -Omissis- kienu separati u ghalhekk johrog car illi -Omissis- kien forsi nieqes minn xi attenzjoni ta' xi hadd u ghalhekk hassu komdu jitkellem mal-imputat izda li kien hu li qabad mal-imputat u mhux vice versa.

Illi l-kaz tal-prosekuzzjoni kien nieqes minn certu provi li kienu jaghtu stampa akar cara ta' ezattament x'gara f'dan il-kaz. Fost l-ohrajn naqset milli ttella' t-tfajla ta' -Omissis- sabiex tikkonferma l-messagg li hu qal li baghtilha bir-ritratt tieghu mal-imputat u x'ezattament qalilha f'dak il-messagg. Naqset ukoll illi ssaqsi x'inhi r-relazzjoni bejn -Omissis- u missieru gialadarba hareg illi l-genituri tieghu kienu sseparati ghaliex id-dover tal-prosekuzzjoni huwa li ggib dawk il-provi kontra u favur il-kaz tal-imputat u mhux semplicement li ggib dawk ix-xhieda jew provi li huma strettament necessarji.

Illi ghalhekk tqis li l-aktar verzjoni kredibbli hija dik tal-imputat u ghalhekk ma tistax issib htija fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Emanuel Grech** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tilliberah minn kull osservanza.

____________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**